MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Avviz Numru. 379/2012

**Rikors Numru 379/12 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Carmelo Magro**
**(ID 250064M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-14 ta' Novembru 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' hamest elef, hames mija u wiehed u tmenin Ewro, erbgha u

tmenin centezmu (€5,581.84) rapprezentanti bilanc ta' Loan Account tieghu mal—Bank attur, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez tal-proceduri presenti kif ukoll tal-ittra ufficjali tat 22 ta' Novembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru ippresentat kontestwalment u bl-imghax mit-23 ta' Mejju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-konvenut permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, u dana permezz ta' affissjoni fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi, fl-Ghassa tal-Qrendi u fl-indirizz tal-konvenut fil Qredni, fl 20 ta' Frar 2013, (fol 72 tergo), kif ukoll pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil 15 ta' Marzu 2013 (fol 71) u fl-Orizzont u The Malta Independent, lkoll tal 5 ta' April 2013 (fol 75).

Illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 77).

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' April, 2013 il-konvenut ma deherx, la biex jikkontesta l-kaz u lanqas biex jiddefendiha.

Rat illi fis-seduta tal 19 ta' April 2013, l-avukat tas-socjeta attrici ikkonfermat illi l-bilanc ghadu dovut u l-Qorti ddiferit il-kawza ghas-sentenza ghad 22 ta' April 2013.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, hames mija u wiehed u tmenin Ewro, erbgha u tmenin centezmu (€5,581.84) kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------